MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 209/2006

**A B**
**vs**
**C D, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, E F u l-minuri G D kjamat fil-kawza b' digriet tat-13 ta' Novembru 2006 u rapprezentat mill-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Louis Tufigno nominati b' digriet tas-27 ta' Novembru 2006**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-attrici A B izzewget lill-konvenut C D fit-tletin (30) ta' Gunju 1989.

2. Illi l-konjugi D kienu mifruda ghal zmien twil de facto u fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2005 l-istess attrici kienet infirdet de jure mill-imsemmi C D u dan hekk kif

jidher minn kopja legali tal-kuntratt ta’ separazzjoni relattiv anness ma’ dan l-att u mmarkat bhala Dok. SM 1 u baqghet hekk fizikament mifruda minnu sal-lum.

3. Illi l-attrici fil-fatt kellha, u fil-fatt ghad ghandha, relazzjoni mal-konvenut E F u minn din ir-relazzjoni twieldet, fl-ghoxrin (20) ta’ Mejju 2006, it-tarbija G D (Dok. SM 2).

4. Illi l-attrici A B fiz-zmien bejn it-tlett mitt jum (300) u l-mija u tmenin jum (180) qabel it-twelid tat-tifel, f’ impossibilta’ fizika li tghammar ma’ zewgha minhabba li kienet toqghod l’ boghod minnu oltre l-fatt li kienet mifruda de facto minn ma’ zewgha u dan kif diga’ spjegat qabel.

5. Illi ghalhekk ic-certifikat tat-twelid ta’ G D ghandu jigi emendat fis-sens li juri l-missier naturali tat-tarbija bhala E Alkanib imwieled is-Sirja u residenti Zabbar ID numru 34386A bin Mohammed Zaki, haj.

Titlob ghalhekk l-attrici proprio et nomine lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmi minuri G D m’ huwiex it-tifel naturali tal-konvenut C D izda huwa t-tifel naturali tal-konvenut E Alkanib b’ mod illi hemm lok ghal korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid tal-imsemmi minuri f’ dan is-sens.

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ G D numru 1669/2006 biex il-paternita’ tal-minuri tigi korrettament rispekjata fl-istess att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-konvenut C D jigu kancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati ta’ l-konvenut E Alkanib kif dawn jirrizultaw mill-provi migbura f’ din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa jinsabu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti, jehtieg illi r-rikorrenti tipprova l-impossibilta' fizika bejn il-konjugi u cioe' bejn l-intimat C D u bejnha.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tispecifika d-dettal ta' kemm kellu eta' fid-data tat-twelid tat-tarbija l-allegat missier naturali E Alkanib biex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dan id-dettal ikun jista' jigi inserit fl-Att ta' Twelid in kwistjoni. Inoltre, jehtieg ukoll li jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, jigu kkancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tindika d-dettalji dwar l-omm tat-tarbija.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma ma kellhomx zmien bizzejjed biex jiksbu aktar informazzjoni fuq dan il-kaz, u ghalhekk ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat li l-konvenuti l-ohra debitament notifikati ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat ir-relazzjoni xjentifika dwar testijiet tad-DNA li saur mill-Ispizjara Marisa Cassar u Christopher Farrugia [fol.64 et seq];

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li t-tifel minuri G D mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut C D, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut E F; u talbet il-korrezzjoni konsegwenzjali ta' l-att tat-twelid tal-minuri, numru 1669/2006.

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata.

F' dan l-istadju u b' referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f' kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77, il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit et noe* deciza fit-28 ta' Frar 2003.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet isseparat de facto minn ma' zewgha l-konvenut C D f' Jannar 2004 u de jure fit-22 ta' Novembru 2005. Fil-frattemp f' Lulju 2005 hija bdiet relazzjoni mal-konvenut E F u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri C fl-20 ta' Mejju 2006.

Illi t-tesi attrici hija fis-sens li missier il-minuri huwa E F; u fid-deposizzjoni taghha quddiem din il-Qorti hija kkonfermat li minn mindu kienet isseparat minn zewgha f' Jannar 2004 hija "qatt" ma kellha relazzjonijiet intimi

mieghu, u li minn Lulju 2005 hija kellha x’ taqsam biss mal-konvenut E [fols.53-54].

Illi rizultat ta’ testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuni ta’ l-attrici, tal-minuri u tal-konvenut E F, jikkonferma t-tesi attrici li G D mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut C D; u ghalhekk tinsab esklusa b’ certezza assodanti l-preteza *favor legittimatis*;

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri G li twieled fl-20 ta’ Mejju 2006, mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut C D, izda huwa t-tifel naturali tal-konvenut E F; u konsegwenzjalment tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 1669/2006 tal-minuri G D billi jitnehha l-isem u l-konnotati tal-konvenut C D, u minflok jitnizzlu l-isem u l-konnotati tal-konvenut E F.

L-ispejjez ikunu a kariku ta’ l-attrici u tal-konvenut E F fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------